StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

**Fisser fi kliemek.** **(23 marka)**

1. Agħti żewġ definizzjonijiet għall-kelma 'kuxjenza'.

(a) ______________________________

______________________________

(b) ______________________________



______________________________

(4 marki)

2. X'jirrappreżenta Mosè?

______________________________

(2 marki)

3. X'jirrappreżenta Elija?

______________________________

(2 marki)

4. Ikteb it-tliet tentazzjonijiet li Ġesù kellu fil-ħajja tiegħu.
(Fuq kull tentazzjoni ikteb żewġ punti li laqtuk)

(a)______________________________

______________________________

______________________________

(3 marki)

(b)______________________________

______________________________

______________________________

(3 marki)

(ċ)______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Ikteb l-ewwel kmandament?

(2 marki)

6. Ikteb erba' 'allat' ta' żmienna.



(a)

(b)

(ċ)

(d)

(4 marki)

**Taqsima B**

**Spjega dawn li ġejjin:** **(15-il marka)**

1. Id-dagħa

(3 marki)

2. Ġurament

(3 marki)

3. Is-Sataniżmu

(3 marki)

4. Tentazzjoni

(3 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



5. Is-sesswalità

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

(3 marki)

**Taqsima Ċ**

**Kompli dawn il-frażijiet mill-Bibbja: (10 marki)**

1. "Minn dan jagħraf kulħadd__________________________________________________

________________________________________________________________________________"

(2 marki)

2. "U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu,_____________________________________

________________________________________________________________________________"

(2 marki)

3. "U berikom Alla u qalilhom: ________________________________________________

________________________________________________________________________________"

(2 marki)

4. "U ħares Alla lejn kull ma' għamel_____________________________________________

________________________________________________________________________________"

(2 marki)

5. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu___________________________________

________________________________________________________________________________"

(2 marki)

**Taqsima D**



**Aqra s-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (27 marka)**

Ġonatan kien it-tifel ta' Sawl, l-ewwel sultan ta' Iżrael. Bħala t-tifel il-kbir, kien imiss lilu li jilħaq sultan wara l-mewt ta' missieru.

David kien żagħżugħ minn Betlehem. Missieru, Ġesse, kien tah ix-xogħol li jieħu ħsieb in-nagħaġ li kellhom. Kellu kuraġġ kbir, tant li darba qatel iljun u darb'oħra ors li kienu attakkawlu xi nagħaġ mill-merħla.

Il-fama ta' David bdiet tikber meta, b'ċagħqa li waddab bi żbandola, qatel lil Gulija,

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ġgant ta' madwar għaxar piedi li beda jhedded li jeqred lill-poplu Lhudi. Wara li qatel
sultan Sawl żammu miegħu u għamlu wieħed mill-għassiesa tiegħu.
Fil-palazz iltaqa' ma' Ġonatan u malajr saru ħbieb tal-qalb. Ftit wara, Ġonatan u David
bejniethom wegħda solenni ta' ħbiberija. Ġonatan neħħa l-mantar li kellu fuqu u tah lil David.
ukoll l-armatura tiegħu, ix-xabla, il-qaws u ċ-ċinturin.

David kien joħroġ għall-ġlied fejn jibagħtu Sawl u kull fejn kien imur kien jirbaħ. Il-fama tiegħu kompliet tikber, kemm fost il-poplu kif ukoll fost il-qaddejja kollha ta' Sawl. Dan xejn ma għoġob lil Sawl, l-aktar meta ħarġu n-nisa mill-ibliet kollha ta' Iżrael u fil-festa li għamlu biż-żfin, bit-tnabar u bl-arpi bdew ifaħħru lil David ħafna aktar milli lil Sawl.

L-għira u l-mibegħda ta' Sawl lejn David kompliet tikber meta kien jara li l-Mulej tbiegħed minnu u kien qiegħed ma' David. Darba, f'dagħdigħa li kellu fuqu, Sawl għal darbtejn ipprova joqtol lil David bil-lanza li kellu f'idu.

Sawl issa ħaseb biex jagħmel pjan ħalli joqtol lil David. Billi kien mingħalih li Ġonatan ma kienx lest li jitlef postu bħala sultan biex iċedih lil David, Sawl sejjaħ lill-qaddejja u ordnalhom biex joqtlu lil David. Imma l-ħbiberija ta' Ġonatan ma' David kienet wisq akbar mix-xewqa li Ġonatan jilħaq sultan wara missieru. Minflok ma għamillu xi nasba biex joqtlu, Ġonatan mar isib lil David u għarrfu b'dak li ried jagħmillu Sawl. Qallu wkoll biex jitlaq minn daru, isib moħba fir-raba' u jibqa' mistoħbi hemm sakemm jgħaddu xi ġranet u jistħarreġ jekk missieru Sawl ikunx biddel fehmtu. David sema' minn Ġonatan u mar jinħeba fir-raba'.

1. Min kien Ġonatan?

________________________________________

(2 marki)

2. X' kien imissu jilħaq Ġonatan?

________________________________________

(2 marki)

3. Min kien David?

(a)________________________________________

(b)________________________________________

(ċ)________________________________________

(3 marki)

4. Meta bdiet tikber il-fama ta' David?

________________________________________

(2 marki)

5. X'tah Ġonatan lil David bħala sinjal ta' ħbiberija?

(a) ____________ (b) ____________ (ċ) ____________

(d) ____________ (e) ____________

(5 marki)

6. Sawl x'beda jħoss lejn David?

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. Minn dak li qrajt dwar l-istorja ta' David u Ġonatan mill-ktieb ta' din is-sena, xi xtaq jag
Sawl lil David?

(2 marki)

8. Taħseb li Ġonatan qabel ma' missieru dwar id-deċiżjoni tiegħu fuq David?

(2 marki)

9. Ikteb tliet kwalitajiet tajbin li kellu Ġonatan bħala ħabib.

(6 marki)

**Taqsima E**

**Immarka Veru jew Falz.** **(10 marki)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1 | L-ewwel seba' kmandamenti jitkellmu fuq Alla u l-aħħar tlieta fuq il-bniedem. | | |
| 2 | Ħabib veru hu dak li jużak meta jkollu bżonnok. | | |
| 3 | Madre Tereża kienet tgħid li għaliha kienet tkun diffiċli taħdem fost il-fqar kieku fihom ma kinitx tara lil Ġesù. | | |
| 4 | F'Pentekoste niżel l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u dawk li kienu preżenti. | | |
| 5 | Ġesù dam ħamsin jum fid-deżert. | | |
| 6 | Min-natura tiegħu x-xitan huwa supperv. | | |
| 7 | Ħbiberija tikber u tiżviluppa daqskemm inkunu kapaċi li nisimgħu lil xulxin. | | |
| 8 | L-użu tas-sess isib postu fl-għaqda ta' mħabba u t-tnissil tal-ulied. | | |
| 9 | Is-sesswalità mhix magħġuna fl-aspetti kollha tal-personalità tagħna. | | |
| 10 | Jekk tirrispetta lil missierek u 'l ommok, jitkattru jiemek fuq l-art. | | |

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F**

**Agħżel waħda minn 1, 2 jew 3 u ikteb dwarha fuq karta separata.** **(15-il marka)**

1. Fih innifsu s-sess hu ħaġa tajba u mill-isbaħ.

(a) Ikteb x'impressjoni ħadt int meta kont żgħir dwar is-sess? (5 marki)
(b) X'tgħid il-kelma ta' Alla dwar is-sess? (5 marki)
(ċ) Ikteb kif l-imħabba għandha tkun sħiħa u dejjiema. (5 marki)

2. Ħbiberija vera tinbena fuq is-sinċerità.

(a) Ikteb ħames karatteristiċi li tixtieq li jkollhom il-ħbieb tiegħek. (5 marki)
(b) Ikteb ħames karatteristiċi li ma tixtieqx li jkollhom il-ħbieb tiegħek. (5 marki)
(ċ) Għal Ġesù, Lażżru u ħutu Marta u Marija kienu ħbieb tal-qalb.
Ġesù kif ġab ruħu ma' dawn it-tliet aħwa? (5 marki)

3. Issa inti bdejt żmien l-adoloxxenza.
(a) Ikteb dwar ħames sfidi li tista' tiltaqa' magħhom. (5 marki)
(b) X'inhuma l-iktar affarijiet importanti li għandu jkollok f'dan iż-żmien ta' ħajtek biex tegħleb dawn l-isfidi? (5 marki)
(ċ) X'għandek tagħmel f'dan iż-żmien biex tifforma kuxjenza tajba? (5 marki)

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers